**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU WIEĦED 1ta’ Lulju, 2019**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-7.00ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Grima, s-Sinjur Ignatius Farrugia, s-Sinjura Marisa D’Amato, s-Sur Kaydem Schembri, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Joseph D’Amato, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **1.1** | | ***Qari tal-ittri ta’ appoloġija*** |
| | | |
| | | |
| **1.2** | | ***Approvazzjoni tal-kariga ta’ Sindku*** |
| | | |
| 1.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph D’Amato minħabba li hu l-aktar kunsillier anzjan fis-servizz ta’ kunsillier tul il-leġislazzjonijiet tal-Kunsill, ippresieda is-seduta. |
| | | |
| 1.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D’Amato talab lill-Kunsilliera Rita Grima li kisbet l-ogħla ammont ta’ voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiu li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta’ kunsillieri, jekk taċċettax il-kariga ta’ Sindku.<br><br>Il-Kunsilliera Rita Grima aċċettat il-kariga ta’ Sindku u ffirmat id-dikjarazjoni u għaddietha lis-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Minn issa ‘l quddiem is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta. |
| | | |
| | | |
| **1.3** | | ***Approvazzjoi tal-Kariga ta’ Viċi Sindku*** |
| | | |
| 1.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima talbet lill-Kunsillier Ignatius Farruga li kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta’ voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta’ kunsillieri, jekk jaċċettax il-kariga |

| | | |
|---|---|---|
| | | ta' Viċi Sindku.<br><br>Il-Kunsillier Ignatius Farrugia aċċetta il-kariga ta' Viċi Sindku u għadda id-dikjarazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv. |
| | | |
| ***1.4*** | | ***Il-ġurament tas-Sindku u Viċi Sindku*** |
| | | |
| 1.4.1 | | F'dan il-punt il-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Amanda Cini tat il-ġurament tal-kariga ta' Sindku lis- Sinjura Rita Grima u lill-Viċi Sindku Ignatius Farrugia. |
| | | |
| ***1.5*** | | ***Approvazzjoni ta' ġurnata tas-seduti tal-Kunsill*** |
| | | |
| 1.5 | | Is-Sindku pproponiet li l-ġurnata tas-seduti tkun l-Erbgħa. Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-kunsilliera preżenti kienet ta' l-Erbgħa 10ta' Lulju, 2019 fis-18:15. |
| | | |
| 1.5.2 | | L-ewwel seduta ta' din il-leġislazzjoni spiċċat fit-20:00. |

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**